MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 409/2015

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Borg Paul (ID 39867M)**
**u**
**Bonnici Saverina (ID 540165M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Mejju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuti ghandhom jaghtu, in solidum bejniethom, lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u hamsin ewro u erbgha u tletin centezmu (€450.34) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement 1 li jinkludi s-servizzi tat-telefone 21323455 u tat-televisjoni 1425128016 kif ukoll ghas-servizzi ta' televizjoni addizzjonali 1425119044 (AC 40167551), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratti datati 30 ta' Jannar, 2011 u 3 ta' Mejju, 2011.

Illi in oltre l-konvenuta Bonnici dahlet fi ftehim ghal-hlasijiet ratejali datat 19 ta' Dicembru 2013 izda hija mhux tonora l-impenn tal-hlasijiet mensili regolari kif patwit u ghalhekk tilfet il-beneficju tad-dilazzjoni tal-hlas.

Illi interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghal hlas, il-konvenuti baqghu inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuti, bl-ingunzzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Dehret il-konvenuta Saveria Bonnici f'isimha u ghan-nom tal-konvenut Paul Borg li ammettiet it-talba kif dedotta. Talbet pero illi l-ammont jithallas permezz ta' rati mensili.

In vista ta' din l-ammissjoni t-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lil konvenuti in solidium bejnithom ihallsu l-ammont ta' erba' mija u hamsin ewro u erbgha u tletin centezmu (€450.34) bir-rata mensili ta' hamsin ewro (€50), b'dan pero illi kemm il-darba jonqsu milli jhallsu zewg skadenzi konsekuttivi allura l-bilanc li jkun fadal ikun dovut fl-intier tieghu u jintilef il-beneficcju li jithallas fix-xahar.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament finali.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------